# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 157/2015**

Il-Pulizija

vs

**Angelino Abela**

iben John, imwieled il-Hamrun, fl-14 ta' Frar, 1964, detentur tal-karta tal-identita' numru 121664(M)

Illum 24 ta' Ottubru, 2018.,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Angelino Abela quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-Ħamrun u fi bnadi oħra f'dawn il-Ġzejjer, nhar is-27 ta' Diċembru 2010 wara nofsinhar:

Opera, ippromova, biegħ jew ippartecipa jew b'kull mod li jkun għen jew ħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob mhux awtorizzat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3, 4 u 6(a) u t-tielet proviso għall-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Angelino Abela ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u

kkundannatu għal piena ta’ multa ta’ seba’ mitt Euro (€700), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tista’ titħallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ ħamsin Euro (€50) bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Fin-nuqqas u kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta’ ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Angelino Abela minnu ppreżentat fit-30 ta’ Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellanti fuq imputazzjoni miġjuba fiI-konfront tiegħu u dan wara ammissjoni da parti tiegħu filwaqt li tirrevokha u tvarjaha f'dik il-parti fejn fuq l-appellanti ġiet inflitta fuqu piena ta' multa ta' seba' mitt Euro (€700);

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi li l-piena nfitta fuq l-appellanti hija wisq ħarxa meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, meta wieħed jikkonsidra li l-appellanti ammetta l-akkużi fil-konfront tiegħu fi stat bikri u meta jiġi kkonsidrat li fil-passat l-appellanti qatt ma kellu reati b'konnessjoni ma logħob mhux awtorizzat;

Illi l-artikolu li jitratta l-penali f'Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta Malta, u cioe l-Artikolu 67, ġie emendat fis-sena 2014, fejn ġew stabbiliti penali ridotti f'każijiet meta jkun hemm is-sanzjoni maħruġa mill-Avukat Generali skont l-artikolu 74(2), u cioe bħal fil-każ odjern;

Illi dawn l-emendi kien jiprovdu li reati bħal fil-każ odjern, li jiġu ssanzjonati mill-Avukat Generali kellhom jingħataw piena ta' multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250.00) u mhux iżjed minn sebat elef euro (€7,000.00);

Illi in oltre l-Qorti għandha l-poter li f'każ li meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż l-imġieba preċedenti tal-ħati, l-mezz li bih twettaq ir-reat, u ċirkostanzi oħra, tkun tal-opinjoni li l-piena ma tkunx xierqa, allura tista' tapplika l-pieni taħt id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, u tal-artikoli 21 u 28A sa 28I tal-Kodiċi Kriminali;

Illi skond l-appellanti huwa ma kellux jingħata piena daqshekk għolja meta jiġi kkonsidrata li kull ma nstabu fuqu kienet karta tal-logħob u li kien fuq il-persuna tat-terz, li kien għadu kif daħal fil-vettura tiegħu, li nstabu fuqu il-karti tal-logħob ta' terzi, li għalhekk kien jindika ċar li l-appellanti ma kienx bl'ebda mod l-organizzatur ta' dawn il-logħob iżda kien biss ittenta xortih f'logħba tal-ballun, liema pero ma kinitx awtorizzata skond il-Kapitolu 438 u li għalhekk skond l-appellanti huwa ma huwiex il-persuna li l-liġi trid tippenalizza bil-piena l-għolja;

Illi iżjed minn hekk, kellu jiġi kkonsidrat li l-appellanti ma kellux xi passat kriminali fil-logħob mhux awtorizzat u li l-appellanti għażel li jirreġistra l-ammissjoni tiegħu, kemm a tempo vergine mal-pulizija ezekuttiva u anke meta ġie akkużat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi skond l-appellanti, anke l-prosekuzzjoni stess kienet, f'dikjarazzjoni konġunta mal-appellant qablet li l-piena idonea tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kellha tkun waħda lejn il-minimu;

Illi għalkemm huwa minnu li l-piena hija iżjed lejn il-minimu milli lejn il-massimu, huwa minnu wkoll li l-piena mposta hija ftit iżjed mit-tlett darbiet tal-minimu li setgħet ġie imposta bħala piena;

Illi iżjed minn hekk, l-appellanti għandu familja bi tlett 'itfal li għadhom dipendenti fuqu u l-piena mposta fuqu ser tkun ta piż kbir fuqu u fuq il-familja tiegħu;

Illi għalhekk l-appellanti qiegħed iressaq dan l-umli appell tiegħu sabiex tiġi applikata kontra tiegħu piena aktar idoneja w anqas ħarxa, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant il-piena hi waħda eċċessiva. Jekk wieħed jara d-diċitura tas-sentenza l-Ewwel Qorti ħadet in kkonsiderazzjoni l-attenwanti kollha tal-każ u cioe l-fedina penali u d-dikjarazzjoni tal-partijiet illi l-piena idonea tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, hija waħda lejn il-minimu.

Illi l-piena erogata hija sebgħa mitt Ewro (€700).

L-appellant kien ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux a tempo vergine mal-Pulizija skont l-istqarrija a  Fol 13-15 tal-proċess.

Ili din il-Qorti fliet l-atti u anke l-karti esebiti  a folio16 fejn jidher li l-ammonti ta' flus kienu konsiderevoli.

Fil-każ il-Pulizija vs Emanuel Portughese deċiża fl- 24 ta' Novembru, 1962 il-Qorti tal-Appell inferjuri  kienet qalet is-segwenti  dwar il-piena:

*'Ir-riviżjoni, da parti tal-Qorti tal-Appell, tal-piena erogata mill-Maġistrat fil-Qorti tal-Ewwel Istanza ma għandiex tiġi affrontata bil-kriterju personali u soġġettiv, u mhux neċessarjament identiku, ta' ġudikant wieħed u ieħor fil-latitudini tal-minimum u tal-maximum tal-piena kontenut fil-liġi, imma għandha tiġi aktar ragjonevolment ispirata mill-indaġini obbjettiva, dik, cjoe', li l-ġudikant fl-appell għandu jara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti (apparti x'kienet tkun dik li kien jagħti hu stess kieku kien qiegħed fl-ewwel istanza) hijiex, fil-kwadru tal-każ , manifestament eċċessiva, jew gravuża, jew sproporzjonata.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tirrispetta d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar il-piena sakemm din hija fil-parametri tal-liġi u mhijiex xi waħda inġusta u f' dan il-każ hija kemm fil-parametri tal-liġi u kif ukoll ġusta għaċ-ċirkostanzi.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti tal-Maġistrati setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Ghaldaqstant, tiċħad l-Appell ta' Angelino Abela u tikkonferma s-sentenza appellata.